MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 964/2003

Kawza fil-lista: 40

***R W***
**vs**
***G sive T W***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet ghandhom zewg t'itfal, *A* u *Z*, li twieldu rispettivament fit-8 ta' Frar 1993 u fit-28 ta' Awissu 1996 rispettivament; li "l-imgieba prezenti tal-konvenut hija tali li l-attrici ghandha ragunijiet fondati biex tibza' li l-konvenut jista' jiehu lill-imsemmija minuri barra minn Malta, u dan anke ghaliex l-istess konvenut hedded lill-attrici li kien ser jitlaq barra minn Malta bit-tfal, u jifridhom minn ma' ommhom, liema firda tilledi d-drittijiet tal-attrici u tkun kontra l-ahjar interess tal-minuri"; li l-attrici ottjeniet l-

hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni [1553/03] kontra l-konvenut, li permezz tieghu dan gie inibit milli jiehu liz-zewg minuri barra minn Malta; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: tordna li [1] t-tfal minuri fuq imsemmija m'ghandhomx jittiehdu barra minn Malta mill-konvenut, u [2] tinibixxi defenittivament lill-istess konvenut milli jiehu lill-minuri barra minn Malta; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li l-kawza saret inutilment peress li mhux minnu li l-konvenut ghandu jew kellu xi hsieb li jiehu lil uliedu minuri barra minn Malta,u mhux minnu wkoll li l-attrici ghandha ragunijiet fondati li tahseb hekk; u [2] it-talba hija legalment insostenibbli billi t-talbiet attrici jammontaw ghal konferma tal-mandat t'inibizzjoni in perpetwu; bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat is-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 75/04NC fl-istess ismijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenut ma jiehux lill-ulied minuri tal-partijiet barra minn Malta; u dana wara li kienet ottjeniet mandat ta' inibizzjoni f' dan is-sens.

Minn naha tieghu l-konvenut, jsostni li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jiehu lil uliedu barra minn Malta, u wkoll l-attrici ma kienitx gustifikata li tahseb hekk, ghax hu qatt ma qallha diskors f' dan is-sens.

Illi mill-provi jirrizulta li meta beda jinqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, partikolarment meta l-konvenut ircieva l-karti dwar is-separazzjoni, minghand l-Avukat ta' l-attrici, dan irrabbja u nqala' dizgiwd serju bejn il-partijiet. F'dan il-kuntest il-konvenut kien qal lill-attrici li jekk titlob is-

separazzjoni huwa kien ser johdilha t-tfal. Hu rrepeta din it-theddida diversi drabi anke sussegwentement.

Illi pero’ kif ammess ukoll mill-istess attrici, il-konvenut qatt ma qallha li kien ser johdilha t-tfal u <u>jitlaq bihom barra minn Malta</u>, jew ghamel xi accenn jew ta’ x’indikazzjoni li hu kien ser jaghmel hekk. Di fatti, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjali Prinicipali ta’ l-Immigrazzjoni, it-tfal tal-partijiet m’humiex indikati fuq il-passaport tieghu.

Illi minn naha taghha l-attrici ssostni li, peress li l-konvenut ghandu familjari tieghu jghixu l-Canada, hija kellu l-biza li l-konvenut jsiefer bihom u ma tarahomx aktar.

Illi l-Qorti fl-ewwel lok tosserva li l-meritu tat-talbiet attrici jinsabu ezawrit, stante li fis-sentenza precitata din il-Qorti ordnat, inter alia, li hadd mill-partijiet ma jista’ johrog il-wild minuri tal-partijiet minn Malta minghajr il-kunsens bil-miktub tal-parti l-ohra, jew minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Illi fit-tieni lok, u ghal-finijiet tal-kap ta’ l-ispejjez, il-Qorti tosserva li, filwaqt li taccetta bhala veritiera t-tezi tal-konvenut li dan ma kellux l-intenzjoni li jahrab minn Malta bit-tfal, u fil-fatt qatt m’esprima dan il-hsieb, minn naha taghha l-attrici, f’dak iz-zmien kienet ghaddejja minn inkwiet kbir, partikolarment minhabba l-biza’ li titlef l’uliedha minuri, anki fid-dawl tat-theddid tal-konvenut, kienet parzjalment gustifikata li tibza’ li l-konvenut seta’ jitlaq bit-tfal ghand niesu li kienu l-Canada; u ghalhekk, bhala mizura kawtelatorja hasset li ghandha titlob il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li fic-cirkostanzi tal-kaz, u kif zvolgew l-affarijiet, l-ispejjez tal-proceduri ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet.

Illi rigward it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti tosserva li din hija legalment infodnata, stante li dak li qed titlob l-attrici mhuwiex “il-konferma tal-mandat ta’ inibizzjoni in perpetwu” izda li l-ulied minuri tal-partijiet ma jittiehdux mill-konvenut barra minn Malta, u dan biex jigi

salvagwardjat id-dritt taghha ta’ kura u kustodja, kongunta mal-konvenut, fuq uliedha. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeda tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq it-talbiet, stante li l-meritu jinsab ezawrit;
[2] tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut;

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Tordna li l-passaporti jigu rtirati mill-partijiet rispettivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------